# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/354

**tat-8 ta' Marzu 2018**

**li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fl-Irlanda**

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(p) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li, għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal, il-kontenut tal-laħam dgħif irid jiġi vvalutat permezz ta' metodi ta' gradazzjoni awtorizzati mill-Kummissjoni, u jistgħu jiġu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-kejl fiżiku ta' parti anatomika waħda jew aktar tal-karkassa tal-majjal. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' gradazzjoni tkun soġġetta għall-konformità ma' tolleranza massima għall-iżbalji statistiċi fil-valutazzjoni. Dik it-tolleranza hija ddefinita fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 ([2]).

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1987/293/KE ([3]), ġie awtorizzat l-użu ta' żewġ metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fl-Irlanda.

(3) L-Irlanda talbet lill-Kummissjoni biex tħassar il-metodu msejjaħ "Fat-O-Meat'er (FOM)" mil-lista ta' metodi awtorizzati għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fl-Irlanda minħabba li m'għadux jintuża, biex tawtorizza tliet metodi ġodda għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fit-territorju tagħha u biex taġġorna l-ekwazzjoni eżistenti għall-istrument "Hennessy Grading Probe 2 (HGP2)".

(4) L-Irlanda ppreżentat deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni li tindika l-prinċipji li fuqhom huma bbażati dawk il-metodi l-ġodda, ir-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni tagħha u l-ekwazzjonijiet użati għall-valutazzjoni tal-perċentwal tal-laħam dgħif fil-protokoll previst fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/2008.

(5) Eżami ta' dik it-talba wera li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-metodi ta' klassifikazzjoni l-ġodda u għall-aġġornament tal-ekwazzjoni huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk il-metodi ta' klassifikazzjoni jiġu awtorizzati fl-Irlanda.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, għandha tiġi adottata Deċiżjoni ġdida. Id-Deċiżjoni 1987/293/KE għandha, għalhekk, tiġi ttħassar.

(7) Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni ma għandhomx ikunu permessi sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/2008 tal-10 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 3).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1987/293/KE tat-18 ta' Mejju 1987 li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fl-Irlanda (ĠU L 146, 6.6.1987, p. 66).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-użu tal-metodi li ġejjin huwa awtorizzat għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali skont il-Punt 1 tat-Taqsima B.IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fl-Irlanda:

(a) l-apparat "Hennessy Grading Probe 2 (HGP 2)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti I tal-Anness;

(b) l-apparat "Hennessy Grading Probe 7 (HGP 7)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti II tal-Anness;

(c) l-apparat "Fat-O-Meat'er II (FOM II)" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti III tal-Anness;

(d) l-apparat "AutoFom III" u l-metodi ta' valutazzjoni marbuta miegħu, li d-dettalji tagħhom jinsabu fil-Parti IV tal-Anness.

*Artikolu 2*

Il-modifiki tal-apparat jew tal-metodi ta' klassifikazzjoni awtorizzati ma għandhomx ikunu permessi sakemm dawk il-modifiki ma jkunux awtorizzati espliċitament permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni 1987/293/KE titħassar.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**METODI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KARKASSI TAL-MAJJALI FL-IRLANDA**

PARTI I

**Hennessy Grading Probe (HGP 2)**

1. Ir-regoli previsti f'din il-parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala l-"Hennessy Grading Probe 2 (HGP 2)".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda b'dijametru ta' 5,95 millimetri (u ta' 6,3 millimetri fix-xafra li tinsab inqas ta' fuq tas-sonda), li jkun fiha fotodijodu (Siemens LED tat-tip LYU 260-EO u fotodetettur tat-tip 58 MR) u li jkollha distanza operattiva ta' bejn 0 u 120 millimetru.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$LMP_{HGP\ 2} = 62{,}89706 - 0{,}69952\ FHGP\ 2 + 0{,}09096\ MHGP\ 2$

fejn:

$LMP_{HGP\ 2}$ = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat f'karkassa;

$F_{HGP\ 2}$ = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma bejn it-tielet u r-raba' kustilja tal-aħħar;

$M_{HGP\ 2}$ = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal $F_{HGP\ 2}$.

4. Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 125 kilogramm (il-piż sħun tal-karkassa).

PARTI II

**Hennessy Grading Probe 7 (HGP 7)**

1. Ir-regoli previsti f'din il-parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala l-"Hennessy Grading Probe 7 (HGP 7)".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sonda b'dijametru ta' 5,95 millimetri (u ta' 6,3 millimetri fix-xafra li tinsab inqas ta' fuq tas-sonda), li jkun fiha fotodijodu (Siemens LED tat-tip LYU 260-EO u fotodetettur tat-tip 58 MR) u li jkollha distanza operattiva ta' bejn 0 u 120 millimetru.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$LMP_{HGP\ 7} = 63{,}72237 - 0{,}75369\ F_{HGP\ 7} + 0{,}09205\ M_{HGP\ 7}$

fejn:

$LMP_{HGP\ 7}$ = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat f'karkassa;

$F_{HGP\ 7}$ = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma bejn it-tielet u r-raba' kustilja tal-aħħar;

$M_{HGP\ 7}$ = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal $F_{HGP\ 7}$.

4. Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 125 kilogramm (il-piż sħun tal-karkassa).

PARTI III

**Fat-O-Meat'er II (FOM II)**

1. Ir-regoli previsti f'din il-parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "Fat-O-Meat'er II (FOM II)".

2. Il-FOM II jikkonsisti f'sonda ottika b'sikkina, apparat għall-kejl tal-fond li għandu distanza operattiva ta' bejn 0 u 125 millimetru u bord għall-ġbir u l-analiżi tad-dejta. Ir-riżultati tal-kejl jinqalbu f'kontenut tal-laħam dgħif stmat permezz tal-apparat FOM II stess.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$LMP_{FOMII} = 61{,}89462 - 0{,}73771\ F_{FOMII} + 0{,}10897\ M_{FOMII}$

fejn:

$LMP_{FOMII}$ = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat f'karkassa;

$F_{FOMII}$ = il-ħxuna tax-xaħam tad-dahar (bil-ġilda ta' barra) f'millimetri, imkejla 6 ċentimetri 'l bogħod mil-linja tan-nofs tal-karkassa maqsuma bejn it-tielet u r-raba' kustilja tal-aħħar;

$M_{FOMII}$ = il-ħxuna tal-muskolu f'millimetri, imkejla fl-istess ħin u fl-istess post bħal $F_{FOMII}$.

4. Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 125 kilogramm (il-piż sħun tal-karkassa).

PARTI IV

**AutoFom III**

1. Ir-regoli previsti f'din il-parti għandhom japplikaw meta l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali ssir permezz tal-apparat magħruf bħala "AutoFom III".

2. L-apparat għandu jkun mgħammar b'sittax-il transdjuser ultrasoniċi ta' 2 MHz (Frontmatec Smørum A/S), b'distanza operattiva ta' 25 mm bejn it-transdjusers. Id-dejta ultrasonika għandha tinkludi l-kejl tal-ħxuna tax-xaħam tad-dahar, tal-ħxuna tal-muskolu u ta' parametri relatati. Ir-riżultati tal-kejl jinqalbu fi stimi tal-perċentwal tal-laħam dgħif bl-użu ta' kompjuter.

3. Il-kontenut tal-laħam dgħif ta' karkassa għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$LMPAF3 = 66{,}63699 - 1{,}06859\ R2P9 - 0{,}78459\ R2P10 + 0{,}06723\ R3P5$

fejn:

$LMP_{AF3}$ = il-perċentwal tal-laħam dgħif stmat f'karkassa;

R2P9 = il-ħxuna tal-ġilda fil-punt fejn il-ħxuna tax-xaħam fil-ġilda hija l-inqas possibbli (MFT) f'mm, fejn l-MFT hija l-pożizzjoni minima tal-profil tax-xaħam wara li l-profil tal-ġilda jkun tnaqqas;

R2P10 = ix-xaħam minimu tas-sezzjoni trażversali f'mm;

R3P5 = il-kejl tal-laħam massimu, li huwa ugwali għall-pożizzjoni massima tal-kustilja bi tnaqqis tal-pożizzjoni minima tax-xaħam maqluba għal mm.

4. Din il-formula għandha tkun valida għall-karkassi li jiżnu bejn 60 u 125 kilogramm (il-piż sħun tal-karkassa).